MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2801/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu Carmel Mifsud**

**vs**

**Salvatore Hili**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm185.10) rappresentanti danni ikkagonati f'incident stradali li sehh fil-21 ta' Gunju 2002, fi Triq il-Belt Valletta, Qormi waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura DAJ178 li tappartjeni lil Raymond Hili u dahal gol-vettura ta' Carmel Mifsud numru ta' registrazzjoni CBE847, liema somma is-socjeta attrici nomine hallset llill-assigurat taghha Carmel Mifsud u

dana in forza ta’ polza ta’l-assikurazzjoni tat- tip *fully comprehensive*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra s-socjeta assiguratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm185.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghan-notifika tas-socjeta ta’l-assikurazjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------